# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 408/2021/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

*OMISSIS OMISSIS*

Illum 18 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant ***OMISSIS OMISSIS***, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru ***OMISSIS***, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fis-7 ta' Ġunju 2021 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer ta' Malta, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. b'għemil żieni kkorrompa persuna taħt l-eta' ta' sittax-il sena u ċioè lil ***OMISSIS OMISSIS*** (detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru ***OMISSIS***);

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkommetta att ta' natura sesswali mingħajr kunsens fuq il-persuna ta' ***OMISSIS OMISSIS*** (detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru ***OMISSIS***) u ċioè fuq persuna taħt l-eta' u speċifikament li l-vittma ***OMISSIS OMISSIS*** hija persuna vulnerabbli stante li hija persuna ta' taħt il-ħmistax-il sena;

3. irrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' tal-allegata vittma ***OMISSIS OMISSIS*** (detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru ***OMISSIS***) u l-familjari tagħha.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li, jekk jidhrilha xieraq, tordna Ordni ta' Trattament skont Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll li, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' April 2024, fejn il-Qorti, wara li rat

Artikoli 18, 49, 50, 207, 202(h)(v)(k), 208AC(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ddikjarat il-proċediment eżawrit fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni stante rinunzja, sabet lill-imputat ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u kkundannatu piena ta' ħames (5) snin priġunerija. Finalment a bażi ta' Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li isem l-imputat jitpoġġa fir-Reġistru mwaqqaf fil-Kapitolu msemmi u konsegwentement ordnat li kopja tas-sentenza tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qrati għall-annotazzjoni neċessarja.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi* ***TIKKONFERMAHA*** *fil-parti tas-sentenza fejn iddikjarat l-proċedimenti eżawrit stante rinunzja għall-ewwel (l) akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu,* ***TĦASSARHA U TIRREVOKAHA*** *f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u minflok* ***TIDDIKJARAH*** *mhux ħati tagħha u b'hekk* ***TILLIBERAH*** *minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, u f'każ illi din il-Qorti jidhrilha li għandha ssib ħtija tat-tieni akkuża* ***TIKKONFERMAHA*** *fil-parti fejn ma applikatx l-awment tal-piena inkwantu għall-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 stante r-rinunzja; sussidjarjament,* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-3 ta' Ġunju 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-15 ta' April 2024.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrelataw ma' allegat abbuż ta' natura sesswali mill-appellant fuq il-minuri ***OMISSIS OMISSIS*** li tiġi bint is-sieħba tiegħu bl-isem ta' ***OMISSIS OMISSIS***. Jidher li l-appellant u omm il-minuri ***OMISSIS OMISSIS*** huma f'relazzjoni u minn din ir-relazzjoni kien hemm wild. Skont il-minuri ***OMISSIS OMISSIS*** ftit wara li ommha ***OMISSIS OMISSIS*** inqabdet tqila, l-appellant kien beda jipprova jiġbidha lejh. Ftit wara, dejjem skont ***OMISSIS OMISSIS***, l-appellant allura imputat beda jkollu mġieba ħażina fejn kien imissilha l-partijiet intimi, jipprova jbusha u juża lsienu. Issemmi wkoll li qabdilha l-warrani u li kien hemm darba fejn refaħha b'mod li sidirha ġie ma' wiċċu.

Illi minn naħa tiegħu l-appellant jiċħad dan kollu u jirribatti billi fl-istqarrija tiegħu jgħid li huwa qatt ma xtaq li t-tfal tas-sieħba tiegħu jiġu magħha. Jispjega li l-minuri ***OMISSIS OMISSIS*** kienet diffiċli ħafna u kellha wkoll imġieba ħażina. Jgħid li meta tkellmu magħha hija kienet waħħlet fl-imġieba ta' missierha li kellu problemi ta' alkoħol.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom b'mod separat. Qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn l-aggravji hija tfakkar li ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u

> sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li huwa qatt ma seta' jinstab ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u jisħaq li dan huwa hekk peress li skont hu l-atti allegatament kommessi minnu jinkwadraw ruħhom taħt Artikolu 204Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè dak ta' parteċipazzjoni f'attivita' sesswali ma' minuri u mhux ta' dawk l-artikoli li ġew addebitati lilu. Jisħaq li Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta japplika biss fejn l-atti kommessi ma jinkwadrawx ruħhom fl-Artikoli l-oħra. Sabiex isostni l-argument tiegħu l-appellant jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Manweli Zahra** li jirriżulta li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 ta' April 2023.

Illi minn naħa tiegħu l-Avukat Ġenerali jgħid li l-parteċipazzjoni sesswali kontemplata taħt Artikolu 204Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik fejn jintużaw organi sesswali tal-partijiet u fejn

ikun hemm penetrazzjoni kemm bl-użu tal-organi sesswali kif ukoll bi kwalunkwe modi oħra. Fil-każ odjern ma jirriżultax li kien hemm penetrazzjoni. L-Avukat Ġenerali jirreferi għal Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jispjega li l-atti li allegatament saru fil-każ odjern ma jammontawx għal reat taħt Artikoli 198 sa 206 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta bil-konsegwenza allura li tali atti jridu bilfors jaqgħu taħt Artikolu 207 tal-Kapitolu msemmi. L-Avukat Ġenerali jisħaq li l-atti li allegatament saru bejn l-appellant u ***OMISSIS OMISSIS*** jinkwadraw taħt Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u huma kollha atti ta' natura sesswali.

Illi din il-Qorti tibda billi tgħid li Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta japplika meta l-persuna in kwistjoni ma jkunx wettaq reat kopert taħt l-artikoli ta' qablu. F'dan ir-rigward l-appellant isemmi li l-allegat reat li wettaq huwa kien kopert taħt Artikolu 204Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li għalhekk ma setax jinstab ħati taħt Artikolu 207 tal-Kapitolu msemmi.

Illi din il-Qorti ser issa tindirizza jekk għal każ odjern japplikax Artikolu 204Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'dan illi ser tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Lulju 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raisa Mangion** (Numru 1081/2013) fejn dwar l-applikabilita' ta' Artikolu 204Ċ imsemmi, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali qalet hekk:

> "Dwar l-ewwel akkuża jingħad li l-imputat hija akkużata bir-reat ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuni taħt l-eta' *ai termini* tal-Artikolu 204Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat ġie ntrodott fis-sistema legali tagħna b'Att XXX1 tas-sena 2007 kif sussegwentement emendat b'Att IV tas-sena 2014.
>
> Il-liġi ma tagħtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi attivitajiet sesswali pero' huwa magħruf li dawn l-atti jrid ikollhom bħala minimu ċertu element ta' sess sabiex l-atti jissejħu attivitajiet sesswali u għalhekk m'hemmx

dubju li għandu jkun hemm l-użu ta' l-organi sesswali tal-persuni nvoluti fir-relazzjoni. Għalhekk mhux kwalsiasi att bejn żewġ minn nies f'relazzjoni tista' tissejjaħ attivita' sesswali bħal per eżempju tgħanniqa jew koppja lambranzetta, jew addirittura *'flirting'* ma jistax jissejjaħ attivita' sesswali."

Illi mill-atti proċesswali li għandha quddiemha din il-Qorti jirriżulta li minn qari tax-xiehda mogħtija minn ***OMISSIS OMISSIS*** huwa ċar li minkejja li l-appellant mess iż-żona ġenitali tagħha, hija dejjem baqgħet liebsa tant li fit-traskrizzjoni tax-xiehda mogħtija minnha fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2021 quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta hekk (paġna 13 u 14 tat-traskrizzjoni):

Spettur Dorianne Tabone:
*"Użat ħafna l-kelma "ibagħbasni". Tista' tgħidilna daqxejn x'riedet tfisser biha?"*

Maġistrat:
*"Eħe. Mela meta tkellimt fuq il-kelma "bagħbasni", spjegalna daqsxejn xi tfisser, x'kien jagħmel?"*

***OMISSIS OMISSIS***:
*"Imellisni l-parti tiegħi."*

Maġistrat:
*"U dejjem?"*

***OMISSIS OMISSIS***:
*"Jew jaqbadli sormi"*

Maġistrat:
*"Imma dejjem fuq il-ħwejjeġ?"*

***OMISSIS OMISSIS***:
*"Eħe"*

Maġistrat:
*"Qatt fuq il-laħam?"*

***OMISSIS OMISSIS***:
*"Prova kif għedtlek."*

Maġistrat:
*"Prova kif għedtli imma."*

***OMISSIS OMISSIS***:
*"Dejjem fuq il-ħwejjeġ."*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għal Laqgħa Numru 118 tal-Għaxar Parlament fil-Kumitati Permanenti għall-Kunsiderazzjoni ta' Abbozz ta' Liġi, liema laqgħa nżammet fil-11 ta' Diċembru 2007 fejn fiha ngħad is-segwenti:

Dr. Silvio Camilleri (Avukat Ġenerali):
*"M'għandix dubji li d-diffikultajiet li qed jissemmew huma diffikultajiet reali li anke mill-uffiċċju tiegħi ppreokkupawna ftit sakemm ġejna biex niddeċiedu x'forma għandna nagħtu lil dawn l-emendi.*

*Pero' finalment, per eżempju, jekk tieħu l-korruzzjoni ta' minuri, illum l-iktar ġurisprudenza riċenti li konstantament qed tiġi segwita hi fis-sens li mhux neċessarjament li jkollok attivita' sesswali ma' minuri. L-aktar ġurisprudenza riċenti tgħid li jekk il-minuri kienet diġa' assolutament korrotta, allura m'hemmx ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri. B'dan ir-reat anke jekk hija assolutament korrotta allura għandu jirriżulta dan ir-reat. Mela jista' assolutament ma jirriżultalix ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri għaliex il-minuri kienet diġa' korrotta. Pero' jekk jirriżultalha li kien hemm l-elementi ta' dan ir-reat fis-sens ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali fuq persuna taħt l-eta', dak ir-reat jista' jirriżulta dan flok l-ieħor. Jiġifieri m'humiex preċiżament koinċidenti fl-elementi tagħhom."*

Illi b'hekk meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-appellant hekk kif imsemmi fl-ewwel aggravju tiegħu *ossia* li l-atti allegatament kommessi minnu jinkwadraw taħt Artikolu 204Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi. Dan l-aggravju huwa maqsum fis-segwenti sub-titoli

i. Prinċipji Ġenerali;

ii. Kunflitt u kuntrast bejn ix-xiehda tal-minuri u xhieda oħra illi xehdu quddiem l-Ewwel Qorti:

   - In-nuqqas ta' konsiderazzjoni mogħtija lix-xiehda tal-minuri ***OMISSIS OMISSIS***;

   - Kunflitt u kuntrast bejn ix-xiehda tal-minuri u x-xiehda ta' ommha;

   - *Social Inquiry Report*

iii. It-Tieni Akkuża

Illi l-appellant l-ewwel jirreferi għal prinċipji ġenerali li jsawru d-dritt taħt il-liġi kriminali mbagħad jargumenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra x-xiehda mogħtija mill-minuri b'dana li ma kkunsidratx li l-minuri kienet kapaċi li titkellem faċilment fuq l-esperjenzi tagħha. Jirreferi għax-xiehda tagħha fejn semmiet li meta marru l-lukanda ma ġara xejn. Jirreferi għal parti oħra mix-xiehda tal-minuri u jgħid li huwa misteru kif minuri ta' eta' tant fraġli kienet kapaċi tantiċipa ħsibijiet tant malizzjużi. Jgħid li l-minuri kienet inkonsistenti u mhux strutturata. Ikompli jgħid li l-minuri lanqas spiċċat tirrakkonta ġrajja waħda mill-bidu sat-tmiem. Jgħid li hija tmeri ruħha.

Illi l-appellant jirreferi għar-referenzi li tagħmel il-minuri dwar il-ħaxixa u jgħid li hija tikkontradiċi ruħha b'dana illi fl-ewwel istanza kważi tkażat waqt li fit-tieni istanza ammettiet li kienet tagħmel użu minn tali sustanza. L-appellant ikompli billi jagħmel riferenza għall-istanza fejn il-minuri qalet li wara li stqarret kollox reġgħet lura għal dak li kienet. Huwa jispjega li din l-istqarrija minn naħa tal-minuri ħasdet anke lill-Qorti. Jargumenta li kieku l-minuri għaddiet mit-trawma allegata kif jista' jkun li tali trawma għaddiet mill-ewwel! Jirreferi għal allegata inkonsistenza oħra fejn hija qalet li hu (l-appellant) kien daħal fil-kabina magħha u wara tgħid li dan il-kliem kien jirreferi għal garaxx. Fatt dan li fil-fehma tal-appellant juri li x-xiehda hija fabbrikata jew eżaġerata.

Illi l-appellant jirreferi għal fatt li l-minuri ħasset il-bżonn li tikkonvinċi lill-Qorti li hija dejjem kienet konsistenti f'dak li qalet. Jispjega li kieku dak li qalet kien il-verita' ma kienx ser ikollha għalfejn tagħmel daqshekk sforz li l-verżjoni tagħha kienet veritjiera. B'riferenza għal fatt li nstabet l-ħtija tiegħu minħabba l-konsistenza tal-minuri, l-appellant jgħid li l-fatt li wieħed ikun konsistenti ma jfissirx li persuna tkun qed tgħid il-verita'.

Illi l-appellant jirreferi wkoll għal kuntrast bejn il-verżjoni mogħtija mill-minuri u dik mogħtija minn ommha. Issir riferenza għal parti mix-xiehda fejn omm il-minuri tagħmel riferenza għal inċidenti li kien hemm ma' missier il-minuri u ndikat li seta' kien dan li wassal għal ħsibijiet tal-minuri. Sussegwentement jirreferi għal parti oħra tax-xiehda mogħtija minn omm il-minuri fejn tgħid li l-problemi bdew meta nqabdet tqila bit-tifel tiegħu (tal-appellant).

Illi l-appellant jirreferi għal verżjonijiet mogħtija mill-minuri meta kien qed jiġi redatt is-*Social Inquiry Report* fejn darbtejn tgħid li fil-lukanda ma sar xejn u darba oħra fejn tgħid li meta kienu fil-lukanda qabdilha l-warrani.

Illi l-appellant jilmenta li t-tieni (2) imputazzjoni li tagħha nstab ħati tirrigwarda r-reat ta' atti ta' natura sesswali mingħajr kunsens *ai termini* ta' Artikoli 202 u 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jgħid li jekk wieħed janalizza l-fatti tal-każ, wieħed ma jkunx jista' isibu ħati. Jispjega li l-atti kommessi minnu ma jirriżultawx f'atti ta' natura sesswali.

Illi fir-rigward tal-aggravju in eżami, l-Avukat Ġenerali jgħid li l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni ma humiex kunfliġġenti. Jgħid li minkejja li l-appellant jilmenta li l-Prosekuzzjoni ma laħqitx il-grad tal-prova rikjesta, huwa ma jagħtix spjegazzjoni ta' xi prova hemm nieqsa. Jispjega li f'kull każ prova kunfliġġenti mhux bilfors twassal għal liberatorja tal-akkużat minbarra l-fatt li xhud wieħed jekk emmnut huwa biżżejjed biex tinstab ħtija. Dwar l-ilment li x-xiehda tal-minuri ma ngħatatx il-konsiderazzjoni dovuta, l-Avukat Ġenerali jgħid li dan mhux minnu u jirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u jispjega kif din daħlet fil-verżjoni mogħtija mill-minuri u anke fil-kredibilita' tagħha. Jispjega li fir-rwol tiegħu l-appellant kien persuna li l-minuri setgħet taħseb li setgħet tafdah. Dwar l-emfażi minn naħa tal-minuri li dak li qed tgħid huwa l-verita' jispjega li din hija naturali speċjalment meta jkun hemm mistoqsija f'dak is-sens.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li dwar l-ilment fejn l-appellant irrimarka li l-minuri kienet faċilment kapaċi titkellem dwar l-esperjenzi tagħha, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet l-Uffiċjal tal-*Probation* Anabel Bugeja meta fid-depożizzjoni mogħtija minnha quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-13 ta' Frar 2023 hija spjegat ir-reazzjoni tal-minuri waqt l-intervista bil-mod segwenti (*a fol.* 196):

> "Hi dehret emozzjonalment viżiva immedjatament ħmaret u bdiet tibki mill-ewwel u qisu wasalna għall-ftehim jiena u l-vittma illi tispjegali hi, tieħu l-ħin kollu li tixtieq hi u tispjegali hi bid-dettalji ta' kif tixtieq tirrakkuntahom hi b'sekwenza. Meta staqsejtha l-abbuż, mill-intervista tagħha l-vittma spjegat, tat id-dettalji dwar l-akkadut, ma spjegatx id-dettalji kollha minħabba li dehret li ma kienitx komda [...]."

Illi rigward l-ilment marbut mal-fatt li l-minuri kienet kapaċi tantiċipa l-allegat ħsieb malizzjuż tal-appellant huwa ovvju għal din il-Qorti li l-minuri qed titkellem *with the benefit of hindsight* u mhux qed tantiċipa l-ħsieb malizzjuż tal-appellant.

Illi rigward l-allegata nuqqas ta' struttura tal-argumenti mressqa mill-minuri, din il-Qorti qrat bir-reqqa x-xiehda tagħha u anke qabblitha ma' dak li qalu xhieda oħra u tara konsistenza kbira fil-fatti minnha rakkontati. Tajjeb wieħed jiftakar li din il-minuri kienet ġejja minn sitwazzjoni ta' diffikulta' minħabba missierha u kienet qed tgħix f'dar ma' raġel li mhux missierha. Minbarra dan, anke minħabba l-eta' tagħha hija kienet f'sitwazzjoni ta' vulnerabilita'. Għalhekk wieħed ma għandux għalfejn jistgħaġeb li din it-tfajla ma tkellmitx mill-ewwel. Sintomu tal-malessere tagħha kienu proprju l-atti ta' ribelljoni li ġew deskritti b'mod tajjeb minn ommha.

Illi rigward il-kwistjoni tal-ħaxixa, fil-fehma ta' din il-Qorti dawn huma żewġ istanzi differenti li juru ċirkostanzi differenti. Jibda billi jingħad li din il-Qorti mhux qed tara xi forma ta' tkażar rigward l-ewwel punt meta allegatament l-appellant qal li ser joffri l-ħaxixa waqt li t-tieni punt ikkwotat mill-appellant juri proprju dak l-element ta' ribelljoni konsonu ma' xi ħadd li għaddej minn trawma u qed jipprova jiġbed l-attenzjoni.

Illi rigward il-kwistjoni tal-boċċa fejn skont l-appellant hemm inkonsistenza, din il-Qorti tirreferi għat-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija mill-minuri ***OMISSIS OMISSIS*** fit-13 ta' Lulju 2021 fejn hemm is-segwenti (paġna 9-10 tat-traskrizzjoni):

> ***OMISSIS OMISSIS***:
> *"[...] darba minnhom fil-garaxx ukoll niżżilni isfel, qalli biex ngħinu u qalli: "Hemm isfel għandek boċċa", qalli: "meta tmissha tħossok relaxed." Qabadli idi u beda jmellisli hawn jiġifieri."*
>
> Maġistrat:
> *"Il-parti tiegħek."*

***OMISSIS OMISSIS***
*"Eżatt fil-parti tiegħi."*

Maġistrat:
*"Fuq il-ħwejjeġ jew taħt il-ħwejjeġ?"*

***OMISSIS OMISSIS***
*"Fuq il-ħwejjeġ."*

Illi għalhekk meta sussegwentement il-minuri tippreċiża li l-istorja tal-boċċa kienet seħħet fil-garaxx u mhux fuq id-dgħajsa hija kienet qed turi konsistenza u mhux inkonsistenza kif jipprova jgħid l-appellant.

Illi dwar il-fatt li l-minuri kkonfermat li dak li kienet qed tgħid kien il-verita', din il-Qorti tara li tali mġieba hija konformi ma' persuna ta' eta' mhux kbira li allura fiċ-ċirkostanzi fejn qed tagħti x-xiehda tagħha tħoss ċertu diffikulta' u tkun trid tiġi meħuda bis-serjeta'.

Illi rigward l-ilment imressaq mill-appellant fejn allega li kien hemm kuntrast bejn ix-xiehda tal-minuri u dik ta' ommha, din il-Qorti ma tara l-ebda kuntrast f'dan is-sens. Ġie ammess mill-istess minuri li hija kienet issemmi lil missierha sabiex ma tiftaħx qalbha ma' ommha dwar dak li kien qed jiġri. Huwa sintomatiku li l-minuri kienet qed tgħid il-verita' meta ommha xehdet proprju li l-atteġġjament ta' ribelljoni u disrispett ta' bintha beda proprju wara li twieldet it-tarbija. Dan jaqbel ma' dak li tgħid il-minuri li l-aġir tal-appellant beda wara li twieldet it-tarbija.

Illi rigward is-*Social Inquiry Report* huwa minnu li l-minuri qalet li l-appellant qabdilha l-warrani fil-lukanda u drabi oħra qalet li fil-lukanda ma ġara xejn iżda dan ma jxejjinx il-veraċita' ta' dak li qalet il-minuri. Inkonsistenza bħal din mhux biżżejjed biex iddawwar il-fehma ta' din il-Qorti stante li huwa normali li jkun hemm diskrepanzi fil-verżjonijiet differenti mogħtija waqt istanzi differenti mix-xhud.

Illi dwar l-ilment imressaq mill-appellant li l-atti allegatament imwettqa minnu ma jissarrfux f'atti sesswali hekk kif kontemplat taħt Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Mejju 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Richard Attard** (Numru 71/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-atti kommessi mill-appellat u ċioè li biesha fuq għonqa u talli mess il-warrani tagħha minn fuq il-ħwejjeġ jaqgħu taħt definizzjoni ta' atti impudiċi. Dwar in-nuqqas ta' volonta' ta' *Omissis* għal dawn l-atti impudiċi mwettqa mill-imputat, anke kieku l-Qorti ma hiex sodisfatta li *Omissis* uriet lill-appellat bl-aħjar mod li setgħet li hi ma riditx dawn l-atti, fatt li jirriżulta biss mix-xhieda tagħha jirriżulta li *Omissis* kien għad kellha tlettax-il sena meta l-appellat biesha fuq għonqa, u mess il-warrani tagħha saħansitra anke staqsiha biex tmur warajh fit-toilet biex ikunu 'l bogħod minn nies huma indikattivi tal-intenzjoni libinuża tiegħu minkejja li jgħid li għalih ma għamel xejn ħażin."

Illi l-aġir deskritt fis-sentenza appena kkwotata jirrifletti numru ta' esperjenzi li l-minuri, fil-każ odjern, iddeskriviet li soffriet. Għalhekk applikat dak li ngħad fis-sentenza ċitata hawn fuq għal każ in eżami, din il-Qorti ma tarax li l-appellant għandu raġun dwar l-ilment tiegħu b'dana illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-aġir tiegħu jaqa' fil-parametri ta' dak li jipprovdi Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami jsegwi li anke dan l-aggravju għandu jkun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. Huwa jisħaq li din il-piena hija

waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. L-appellant jargumenta li l-piena ma għandhiex isservi sabiex titpatta l-ħsara li tkun ġarrbet il-minuri. Ikompli jgħid li l-ġustifikazzjoni tal-piena hija msejsa fuq is-segwenti tliet prinċipji: (a) dak retributtiv; (b) dak preventiv; u (ċ) dak ri-edukattiv jew rijabilitattiv. Huwa jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi fejn f'ċirkostanzi simili għal dawk odjerni l-ħatja ma ngħatawx piena ta' priġunerija. Jilmenta li għalhekk l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu ma toħloqx il-bilanċ neċessarju bejn l-element retributtiv u dak riformattiv.

Illi din il-Qorti tibda billi tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:
>
>> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. [...]*
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar

'il fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċement għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. [...]"

Illi b'żieda ma' dak hawn fuq ċitat din il-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni tal-piena għall-imputazzjoni li tagħha l-appellant allura imputat nstab ħati tagħha mill-Ewwel Qorti, tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha. Għandu jingħad ukoll li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tqarreb aktar lejn il-minimum milli lejn il-massimu u b'hekk, tenut kont ta'

dan kollu, ma hemmx lok ta' temperament fil-piena u għaldaqstant anke l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant ***OMISSIS OMISSIS*** u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

Finalment, sabiex tiġi protetta l-identita' tal-minuri konċernata, din il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isimha, tal-familjari tagħha u tal-appellant fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**